# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tal-15 ta' Marzu 2002**

**Victoria Spiteri mart Aldo Spiteri f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedhom minuri Donatella u Matthew Spiteri**

**vs**

**Aldo Spiteri**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Victoria Spiteri propio et nomine fejn gie premess:-

Illi hi u l-konvenut huma separati “de facto” pendente lite stante li kellha titlaq mid-dar konjugali minhabba incident vjolenti li sar kontriha mill-intimat zewgha;

Illi fil-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, l-esponenti talbet li tigi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

Illi dik l-Onorabbli Qorti kienet innominat lil Manwel Managni sabiex jirrelata dwar din it-talba stante li l-intimat kellu l-vizzju tax-xorb u s-Sur Mangani kien counsellor ma’ l-agenzija SEDQA;

Illi fir-rapport tieghu is-Sur Mangani sab bl-izjed mod car u inekwivoku li l-vizzju tax-xorb jirrizulta u li l-intimat mhuwiex ser inehhi dan il-vizzju izda ssuggerixxa li uliedhom Christian u Warren jibqghu fid-dar mieghu skodn kif jidher mir-relazzjoni tieghu;

Illi hu kien wasal ghal din il-konkluzjoni stante li sab li l-esponenti kellha problemi ta’ depression;

Illi dan kien gie irrifjutat mit-Tabib Vella Baldacchino u l-esponenti hija kapaci li tiehu hsieb lil uliedha;

Illi wara nota ta' kritika mill-partijiet, il-Qorti kienet ikkonkludiet li l-partijiet it-tnejn jistghu jabitaw fid-dar matrimonjali u anke akkordat retta alimentarja lill-esponenti u lil uliedhom fuq bazi li jikkoabitaw ilkoll fid-dar;

Illi l-esponenti ma tistax tidhol fid-dar biex tghix flimkien ma' zewgha li kien vjolenti maghha. Hi giet ikkunsiljata li ma taghmilx dan il-pass kemm minn Miss Marika Sacco tad-Domestic Violence Unit kif ukoll mil-legali taghha, minhabba l-possibilta' reali ta' ripetizzjoni tal-vjolenza kemm a dannu ovvju taghha kif ukoll ghal uliedhom;

Illi inoltre stante li l-manteniment gie likwidat f'somma li tipprezumi l-koabitazzjoni, ma setghet tiehu ebda passi ezekuttivi jew kriminali kontra l-intimat ghall-inadempjenza;

Illi prezentement iz-zewg subien tan-nofs baqghu mal-missier li ghadu alcoholic. Hu qatt ma kien mar ghand is-Sedqa sabiex jipprova jnehhi l-vizzju u anke Mr. Mangani sab li ma kienx hemm possibilita' li jfieq;

Illi hija assurda li jithalla jikkura zewg subien meta qieghed f'dan l-istat. Ix-xorb hu risaput li jgib anke tibdil fl-istruttura tal-personalita' tal-bniedem u ghalhekk l-esponenti bir-rispett kollu ma taqbilx mar-rakkomandazzjoni ta' Mr. Mangani li s-subien kellhom jigu affidata ghand zewgha;

Illi dan is-suggeriment gie wkoll skartat mis-Sekond'Awla li, pero', ma waslitx biex tordna li l-intimat johrog mid-dar imma ghazlet li l-esponenti tidhol sabiex tikkura l-ulied kollha, izda taht l-istess saqaf ma' zewgha;

Illi s-sitwazzjoni prezenti wasslet ghall-firda bejn it-tfal. L-esponenti giet sfurzata tabita f'post zghir u minghajr kumditajiet filwaqt li l-intimat ghandu mezzi biex jikri abitazzjoni xierqa;

Illi wkoll l-intimat ikun barra mid-dar minn fil-ghodu sa fil-ghaxija minhabba xoghol u l-iffrekwentar ta' postijiet ta' xorb;

Ghaldaqstant ir-rikorenti talbet li din il-Qorti:-

1. tawtorizzaha tabita fid-dar matrimonjali 464A f'Mosta Road, Naxxar, flimkien ma' l-ulied minuri ad eskluzjoni tal-konvenut pendente lite u ghal dan l-iskop tiffissa terminu qasir u perentorju li fih ghandu jivvaka d-dar l-istess intimat;

2. tillikwida l-manteniment li ghandu jithallas lir-rikorrenti sakemm tidhol fid-dar matrimonjali, liema manteniment ikun ghaliha u ghall-minuri Donatella u Matthew li prezentement jabitaw maghha u tordna li dan il-manteniment jithallas mid-data tad-Digriet moghti mis-Sekond'Awla fil-23.10.1997;

Stante in-nautra tat-talbiet, titratta r-rikors odjern b'urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini soliti moghtija;

Bit-talba ghall-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimat Aldo Spiteri fejn gie sottomess :-

Illi primarjament dak indikat mir-rikorrenti martu huwa impreciz u ma jirrispekkjax il-verita' anzi l-oppost;

Illi r-rikorrenti Victoria Spiteri kienet telqet mid-dar mhux minhabba fl-agir ta' zewgha kif indikat izda peress li hija riedet li tghix hajja xellerata fejn hija kienet trid li minkejja z-zwieg taghha ma' l-esponent tibqa' tiffrekwenta numru ta' rgiel ohra. Illi r-rikorrenti ghazlet bl-aktar mod apert li tidher mal-hbieb taghha guvintur u rgiel ohra mizzewga anke quddiem familjari taghha inkluzi l-istess uliedha minuri Warren u Christian;

Illi meta telqet mid-dar Victoria Spiteri kienet damet ghal perjodu qasir tghix mal-genituri taghha fejn hija giet imkeccija minn hemm minhabba fl-istil ta' xejn felici tal-hajja taghha. Illi sussegwentement hija kienet marret tghix ma' huha Simon Micallef fejn hemmhekk damet biss gurnata fejn ir-rikorrenti kienet qabdet issawwat lil mart huha li dak iz-zmien kienet tqila qed tistenna tarbija;

Illi r-rikorrenti kuntrarjament ghal dak indikat minnha u cioe' li ma baqghetx tghix id-dar minhabba l-esponent baqghet iddur minn residenza ghal ohra sakemm issa qed tghix ma' uliedha Matthew u Donatella f'post propjeta' ta' missier ir-rikorrenti;

Illi l-esponent jinsab pre-okkupat ferm bl-ezempju li martu qed taghti lil bintu Donatella ta' erbatax-il sena u dana peress li r-rikorrenti Victoria Spiteri ta' spiss tqatta' iljieli shah gewwa Paceville jew f'lukandi gewwa San Pawl il-Bahar fejn f'okkazjoni minnhom anke halliet lil Matthew ta' sitt snin rieqed fuq banketta gewwa diskoteka fil-Qawra Palace Hotel;

Illi ukoll mhux minnu li l-esponent ibati mill-problema ta' l-abbuz ta' l-alkohol anzi prezentement qed jiffrekwenta flimkien ma' wliedu Warren u Christian centru ta' l-iscouts gewwa n-Naxxar fejn hemmhekk jaghmel flimkien ma' uliedu xoghol volontarju u ta' beneficenza u fl-istess hin jirrikreaw rwiehhom uliedu li qed jghidu mieghu;

Illi r-rikorrenti prezentement qed taghmel xoghol ta' "house keeping" ma' diversi nies u ghalhekk mhux minnu li hija qieghda minghajr ebda introjtu, u dana apparti dak li hija tircievi bhala social benefits u ukoll introjtu iehor li r-rikorrenti tiftahar ma' l-esponent li tircievi minghand id-diversi rgiel hbieb taghha;

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti Victoria Spiteri ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u xhieda ohra fosthom uhud mit-tfal tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2002 minn fejn jirrizulta li l-intimat ikkonferma li, mill-ahhar differiment, ibnu Christian Spiteri li ghandu 17 il-sena m'ghadux jghix mieghu izda mar jghix mar-rikorrenti u dana peress li l-intimat kecca lill-ikmsemmi ibnu nghaliex kien qed jidhol tard bil-lejl kontinwament;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2002;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur saret referenza ghad-digriet tas-Sekond'Awla tat-23 ta'Ottubru 1997 li permezz tieghu, fost affarijiet ohra, l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-partijet giet fdata f'idejn l-istess partijiet b'mod konguntiv. L-intimat Aldo Spiteri gie ordnat ihallas sittin liri maltin (Lm60) fix-xahar bhala manteniment tal-mara tieghu u mija u sebghin liri maltin (Lm170) ukoll fix-xahar bhala manteniment tat-tfal minuri. Fl-istess digriet ir-rikorrenti giet awtorizzata terga lura fid-dar matrimonjali sabiex tghix fiha ma uliedha u zewgha bhala familja;

Jirrizulta li l-partijiet qed jghixu separati “de facto” minn xulxin. Ir-rikorrenti tabita go fond gewwa Birkirkara flimkien ma tnejn minn uliedha. L-intimat joqod fid-dar matrimonjali fin-Naxxar ukoll flimkien ma’ zewg uliedu. L-intimat qatt ma hallas il-manteniment kif ordnat fl-imsemmi digriet, pero' jidher li l-intimat jiehu hsieb ghall-bzonnijiet tat-tfal li joqodu mieghu;

Ir-rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzaha tabita fid-dar matrimonjali ma' uliedha minuri ad eskluzjoni tal-konvenut u li jigi likwidat il-manteniment li ghandu jithallas lilha ghaliha u ghall-uliedha minuri li prezentement jabitaw maghha. Ghar-rigward ta' dak li gie premess fir-rikors promotur, ghandu jigi puntwalizzat li dawn il-proceduri ma jistghux jitqiesu li huma appell mil-imsemmija decizjoni tas-Sekond'Awla. Din zgur li mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti. F'dawn il-proceduri l-Qorti ghandha tara jekk ic-cirkostanzi, li kienu jipprevalu meta nghata l-imsemmi digriet, inbiddlux b'tali mod li l-imsemmi digriet jimmerita li jigi mibdul kif qed titlob ir-rikorrenti;

Ir-rikorrenti tallega li zewgha ghandu problema ta' xorb u li s-sitwazzjoni prezenti qed twassal ghall-firda bejn it-tfal. Tghid li qed tigi sfurzata tabita f'post zghir, umdu u minghajr kumditajiet. Iddikjarat ukoll li zewgha l-intimat ma jistax jiehu hsieb sewwa tat-tfal li qed jghixu mieghu peress li jkun barra mid-dar minn fil-ghodu sa fil-ghaxija minhabba xoghol tieghu u minhabba li jiffrekwenta postijiet ta' xorb. Ir-rikorrenti kkonfermat li qabel ma nghata l-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla hi kienet gia telqet mid-dar. Qalet li ppruvat tirritorna fid-dar konjugali kif hemm suggerit fl-istess digriet pero' r-ragel ma hallihiex tidhol lura d-dar;

Da parti tieghu l-intimat ikkonferma li huwa jahdem bhala handyman. Jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha minn filghodu sa wara nofs in-nhar. Qal li l-mara qatt ma tmur tara t-tfal li jghixu mieghu. Huwa qal li jiehu hsieb it-tfal li ghixu mieghu u qal ukoll li hu minnu li kellu problemi ta' xorb, pero' issa m'ghadux jixrob. Huwa cahad li qatt kien vjolenti ma martu;

Tenut kont tar-rizultanzi, ma jidhirx li, minn meta nghata l-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla, c-cirkostanzi specjali u partikolari tal-kaz tbiddlu b'tali mod li jimmerita li jkun hemm bdil fl-istess digriet skond kif qed titlob ir-rikorrenti. Tenut kont tal-provi kollha, inkluz dak li qalu uhud minn ulied il-partijiet, ma jirrizultax li hu opportun li tigi disturbata l-posizzjoni presenti. Ghar-rigward tal-manteniment dovut, ir-rikorrenti ghandha l-mezzi, skond il-ligi, sabiex iggieghel lill-intimat ihallas dak li hu minnu dovut. Ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti.m'ghandhomx jigu akkolti. In effett hafna mic-cirkostanzi li huma prevalenti, kienu ukoll jesistu fil-hin li nghata id-digriet tas-Sekond'Awla. Inoltre ma jidhirx li l-ulied qed isofru b'mod determinanti mis-sitwazzjoni kollha kif jinsabu fiha;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjezz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.